MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 99/2003

**Charles (Carmel) Vella**

**vs**

**Paul Borg**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Thallas lill-attur is-somma ta' Lm1052.18c jew kull somma verjuri, danni minnhom sofferti in segwitu ghall-incident stradali li gara fi Triq l-Imgarr, Rabat, Ghawdex fit-13 ta' Lulju 2003 bejn il-mutur Yamaha targata BIL 130 proprjeta' tal-attur u x-xarabank Bristol Bus targata FBY 035 misjuqa minnek u ghal liema incident kont tahti unikament inti minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku prevja jekk hemm bzonn id-

dikjarazzjoni illi ghal dan l-incident kont tahti unikament inti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mit-13 ta' Lulju 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni."

Ra r-risposta:

"Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Borg:

Jeccepixxi bil-qima:-

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfundati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-incident meritu ta' din il-kawza sehh unikament tort ta' sewqan traskurat, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naha ta' l-attur kif ukoll minhabba l-fatt illi l-attur naqas milli jzomm *a proper lookout* u ghaldaqstant l-istess attur huma unikament responsabbli ghall-incident;
2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr prdegudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz mill-attur huwa wiehed esagerat.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom imsejjha."

Sema l-provi;

Ikkunsidra:

L-incident sehh fil-limiti ta' Victoria, Ghawdex meta l-konvenut hareg b'xarabank minn Triq il-Taflija - triq laterali u sekondarja – ghal gewwa Triq l-Imgarr li hija wahda mill-arterji ewlenija tal-istess gzira. L-attur kien qieghed isuq mutur fit-triq ewlenija, fuq il-parti ta' barra tal-karreggjata tax-xellug, sejjer fid-direzzjoni ta' Victoria. Hekk kif ra x-xarabank quddiemu, huwa infixel, skiddja, habat ma' mutur iehor misjuq magembu fuq in-naha ta' gewwa tal-istess karreggjata minn habib tieghu, u baqa'jitkaxkar mal-

art ghal distanza konsiderevoli. Ma habatx max-xarabank, li baqghet sejra sakemm waqfet quddiem l-istabbiliment maghruf bhala *The Vinyard.*

Il-partijiet ressqu versjonijiet konfliggenti dwar jekk ix-xarabank waqafx jew le qabel hareg fit-triq principali.

Kif jirrizulta mir-*road accident report* (fol 47) l-attur *a tempo vergine* ikkontenda li x-xarabank baqghet hierga mit-triq laterali cioe' Triq il-Hamrija (*recte*: Triq it-Taflija) bla ma waqfet. Fl-istess rapport din il-verzjoni hija kkorroborata minn dik ta' Diane Borg, passiggiera fuq il-mutur misjuq magemb dak tal-attur; kif ukoll Carmel Vella (ismu bhall-attur, imma mhux l-attur) u Philip Portelli, ukoll hbieb tal-attur li kienu qieghdin isuqu mutur kull wiehed wara l-attur (fol 48). Fid-deposizzjoni tieghu quddiem it-Tribunal l-attur ikkonferma li l-konvenut baqa' hiereg bla ma waqaf (fol 11); kif hekk ikkonferma Kevin Muscat, is-sewwieq li mieghu kienet passiggiera Diane Borg (fol 30) (dan ma jidhirx li ghamel statement lill-pulizija). Muscat qal li x-xarabank imblukkatlu l-karreggjata. Diane Borg specifikat li proprjament ma ratx lix-xarabank hierga mit-triq laterali, imma lemhitha meta kienet harget kwazi kollha kemm hi minn fuq l-istop sign tat-triq laterali. Hija ndunat bix-xarabank wara li s-sewwieq Kevin Muscat ghafas il-brejk, *u jiena bejni u bejn ruhi ghidt, x'gara? U dak il-hin rajt ix-xarabank quddiemna. Nghid li proprjament rajt in-naha ta' nofs il-gemb tax-xarabank quddiemna* (fol 35).

Fir-rapport tal-pulizija, huwa vverbalizzat li l-konvenut qal li huwa waqaf fuq l-*istop sign*, u li ma ra l-ebda traffiku gej mid-direzzjoni tal-Imgarr. Baqa' sejjer fid-direzzjoni ta' Victoria, sema' hoss u ghalhekk waqaf biex jara x'kien gara (fol 47). Quddiem it-Tribunal, huwa tenna l-istess verzjoni. Jghid li ma ra lil hadd gej (fol 19 u fol 66), u, fuq domanda tat-Tribunal, qal ukoll li lanqas ma sema' xi hoss (fol 19). Il-konvenut ipproduca bhala xhieda tieghu lil Charles Borg, li qal li l-konvenut waqaf imbaghad qala bil-mod (fol 71); lil ibnu Godfrey Borg (cioe' bin il-konvenut), li enfasizza li *waqafna, zgur li waqaf* (fol 79); u lil Francis

Attard li wkoll ikkonferma li l-konvenut waqaf fit-tarf tat-triq laterali qabel dahal fit-triq ewlenija(fol 82).

Sfortunatament, skizz tal-incident ma sarx u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux dik il-prova oggettiva tar-*res gestae* li maghha jista' jqabbel jew jikkuntrasta l-verzjonijiet rispettivi tal-partijiet. Mir-rapport tal-pulizija lanqas ma jirrizulta fejn spicca l-mutur wara l-incident. L-anqas jirrizulta kienx hemm brake-marks jew le fit-triq.

L-attur, fid-deposizzjoni tieghu, jghid li kien flimkien ma' tlett ihbieb ohrajn isuqu l-mutur, tnejn quddiem u tnejn wara. Huwa kien wiehed mit-tnejn ta' quddiem, izda qabel lemah lix-xarabank kien bejn ghoxrin u hamsa u ghoxrin pied wara Kevin Muscat, b'dan tal-ahhar fuq l-inner lane, u l-attur fl-outer lane. Induna b'tal-linja minn madwar 60 pied boghod. Is-sewwieqa taz-zewg muturi zammew il-brejk. L-attur skiddja, laqat lill-mutur ta' Muscat u baqa' jitkaxkar wara x-xarabank. Jghid ukoll li l-muturi kienu ghadejjin b'velocita' ta' circa sittin kilometru fis-siegha. Skond l-attur, il-mutur tieghu waqa' xi erbghin pied 'il boghod mill-kantuniera imnejn hareg ix-xarabank, baqa' jiskiddja xi mija u ghoxrin pied, sakemm waqaf xi hamsa u ghoxrin pied wara x-xarabank.

Muscat (fol 30) jghid li huwa kien qieghed isuq bi speed ta' 60 – 65 k fis-siegha. Lemah ix-xarabank meta kien circa 70 pied 'il boghod minnu. Qabel ma setax jarah minhabba s-sigar li hemm fil-gemb tat-triq, u li x-xarabank harget f'angolazzjoni wiesa hafna. Izid li x-xarabank waqaf xi 40 pied 'il boghod mill-kantuniera. **Jghid li huwa waqaf ezatt x'hin taqbez il-kantuniera (fol 31)** u li l-attur tfixkel u habat mieghu.

Diane Borg tghid li Kevin Muscat waqaf fin-nofs bejn iz-zewg kantunieri tat-triq laterali – li hija wiesa hafna - filwaqt li l-attur baqa' jitkaxkar sal-kantuniera tal-istess triq. Il-habta bejn il-muturi saret fi kwart tad-distanza mill-ewwel kantuniera.

L-avukat Joseph Grech – patrocinatur tal-konvenut – li nzerta acceda fuq il-post ftit sekondi wara l-akkadut,

xehed li *kien jidher illi x'aktarx illi dawn il-muturi kienu waqghu eh bejn in-nofs u l-bidu tal-kantuniera ta' fejn hemm l-ETC* – cioe' t-triq laterali.

Jirrizulta ghalhekk li l-habta bejn il-muturi sehhet faccata tat-triq laterali imnejn harget ix-xarabank, u li l-attur waqa' u tkaxkar minn dak il-punt lil hinn. L-attur jghid li tkaxkar lil hinn mill-kantuniera tat-triq laterali mentri x-xhieda l-ohrajn jindikaw li huwa waqaf vicin hafna ta' dik il-kantuniera. Imma l-importanti huwa fejn sehhet il-habta bejn il-muturi, u fuq dan hemm konvergenza fil-provi prodotti mill-attur. Ma hemmx dubbju li din il-habta kienet konsegwenza tal-hasda li ha l-attur meta gie rinfaccjat bix-xarabank fil-karreggjata tieghu. Kif fuq inghad, hemm divergenza shiha bejn ix-xhieda tal-konvenut – li kollha ssostni li x-xarabank waqaf qabel ipproceda fit-triq ewlenija – u x-xhieda prodotta mill-attur li jsostnu li x-xarabank baqa' hiereg. Izda anke jekk stess jigi ammess li x-xarabank waqaf qabel hareg – haga li t-Tribunal ghandu d-dubbji tieghu, ghax ix-xhieda rekbin fix-xarabank donnhom ittiehdu minn dak li jissejjah *esprit de voiture* - xorta wahda jirrizulta li l-muturi sabu x-xarabank ma' wicchom, u li kien dan il-kawza prossima tal-incident. Jidher ghalhekk li tax-xarabank ma zammx *a proper lookout* qabel hareg fit-triq ewlenija, tant li mhux biss ma rax dak li kien *in plain view* fit-triq ewlenija, imma lanqas biss sema' l-hoss tal-muturi, u dan fil-hemda ta' nofs il-lejl.

Il-konvenut jipprova jattribwixxi l-akkadut ghas-sewqan eccessiv da parti tal-konvenut. Pero' l-provi prodotti m'humiex fihom infushom konklusivi ta' xi velocita' esagerata li kienet timpedixxi lill-attur li jitlef il-kontroll jew li ma jirreagixxix tempestivament anke jekk mhux b'success jekk jiehu evasive action. Kif gie gustament ritenut fil-gurisprudenza, fost l-ohrajn in re **Anna Stanley vs Alan Zahra (23.03.1993 – Prim'Awla ippreseduta mill-Imhallef (iktar tard Prim Imhallef) Said Pullicino Kollezz Vol LXXVII.iii.93)** *il-velocita' eccessiva fiha nnifisha ma tistax titqies a priori bhala fattur determinanti ghar-responsabilita' ghall-incident jew kontributorju ghalih. Irid jigi sodisfacentement stabbilit illi l-velocita' eccessiva kienet element determinanti li pprovoka l-incident u li jista'*

*jitqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut.* Bhala fatt lanqas jirrizulta li l-attur kien ghaddej bi speed eccessiv anke minhabba li t-tul tal-brake-marks ma giex irregistrat mill-pulizija.

Kemm il-ligi kif ukoll il-gurisprudenza jitfghu piz ferm tqil fuq min johrog minn triq laterali ghal go triq ewlenija: *Huwa principju primarju illi min ikun ser jittraversa triq jehtieglu juza l-massima diligenza u vigilanza ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jaqsam it-triq hi kalkolata li tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku. Jehtieglu allura jkun cert u sigur illi tabilhaqq it-triq hi libera b'mod li kienet tippermettilu li jista' jibda, jkompli u jtemm il-manuvra li xtaq jaghmel bla ma jkun ta' xkiel ghal vetturi ohra.*[1] *Side road user ghandu b'obbligu dawn id-doveri:-*

*i. li jaccerta ruhu li t-triq li jkun irid jidhol fiha hi libera;*

*ii. li jcedi, u ma jfixkilx, it-traffiku fuq il-main road;*

*iii. li jimxi 'dead slow' u sahansitra jieqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara;*

*Min ikun hiereg minn 'side street' ghal 'main road' ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-'main roa' u li jieqaf ghal kollox jew johrog 'inching out', u jassigura li t-triq hi libera. Is-'side road user' ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholi u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir li jcedi lit-traffiku li jkun fit-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jitraversa dik it-triq hija kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha."*

*Eccess ta' velocita' tal-main road user (anke kieku biss ghall-grazzja ta' l-argument kellu jigi koncess) ma ghandux jitqies bhala determinanti jew kontributorju ghar-responsabilita' ghas-sinistru*[2].[3]

---

[1] Francis Fenech vs Mark Montebello – 20.10.03 - Appell Inferjuri – P S.
[2] Fabrizio Gatt vs Emmanuel Ciantar – 28.04.03 – Prim'Awla – P S

Il-quantum tad-danni jinstab sodisfacentemtent ippruvat.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ LM1052.18c ammont ta’ danni sofferti mill-attur htija tat-traskuragni fis-sewqan da parti tal-konvenut, li kien il-kagun uniku tal-incident stradali li gara f’Ghawdex, fi Triq l-Imgarr fit-13 ta’ Lulju 2003; b’dan izda li l-imghax legali jiddekorri biss mid-data ta’ din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[3]ara wkoll decizjoni TTZ – GM – (Ghawdex) deciza fil-5 t’April 2002 fejn hemm ricenzjoni estensiva tad-dottrina u l-gurisprudenza in materja ta’ kollizjonijiet f’cirkostanzi simili.